# IL-KNISJA L-QADIMA U MATRIĊI U L-KUNVENT TAGĦHA



*Ritratt: Stanley Spiteri*

Storja tal-Knisja u l-Kunvent sa ma ġiet iddikkjarata Parroċċa.

L-ewwel Knisja jew aħjar kappella, kienet żgħira ħafna, u kienet mibnija, bħalma jaħsbu xi wħud, fis-seklu XV, u x'aktarx fis-sena 1473. Kienet titlu ta' kanonikat bir-raba ta' madwarha tal-Kattidral. Imiss magħha, bħalma jingħad mill-qedem, kellha ċimiterju, li fih kienu midfunin ħafna suldati barranin, il-Knisja għalhekk kienet miżmuma b'qima kbira. Fis-sena 1550 il-Knisja ġiet imkabbra xi ftit u msewwija. Il-Knisja l-Ġdida, jew biex ingħidu aħjar, li hemm issa bdew jibnuha fl-1659 u tlestiet fl-1688.

Il-Knisja fiha tliet bibien; l-ewlieni jħares lejn Nofs inhar b'tieqa fuqu w tal-ġnub, wieħed iħares fil-Lvant u ieħor lejn il-Punent. Mall-bieb ta' Lvant hemm jinfed

il-kuridur tal-Kunvent. Jingħad li l-Knisja minn dejjem kienet iddedikata għall-Qaddisa Martri Santa Venera V.M. u ukoll jgħidu li l-Festa kien jagħmilha l-Arċipriet ta' Birkirkara. Xi wħud isostnu li l-Knisja kien fiha Kampnar ieħor ma dak li għandha. Jingħad li dan iġġarraf b'terremot li kien laqgħat lil Malta fis-sena 1693. Il-faċċata hi maqsuma fi tlett panewijiet bejn erba' pilastri u fuq l-istess pilastri hemm jistrieħ il-fontispizju tal-Knisja. Fuq il-ġenb in-naħa tax-xellug, meta tħares lejn il-knisja, hemm il-kampnar li huwa uniku għal forma tiegħu f'Malta. Fih insibu tlett qniepen. Fis-seklu tmintax Fra Gioacchino Vivas, Naplitan eremit ta' San Calogero, kien bena ma' din il-Knisja bħal kunvent żgħir bi ftit kmamar żgħar ħafna. Huwa beda jiġbor xi eremiti minn Sqallija u wkoll xi Maltin li bdew jgħixu f'dan il-Kunvent imwarrab għal kollox min-nies u l-abitat bħala eremiti taħt il-ġuridizzjoni ta' l-Isqof. Il-Patri Vivas waqqaf dan il-Kunvent etc... eremitiku fis-sena 1742, meta kien Isqof ta' Malta Mons. Alpheran. It-twajjeb eremit, miet fl-istess Kunvent fit-2 ta' Ġunju 1749. Wara l-mewt ta' P. Vivas, xi persuni ssoktaw jgħixu ħajja komuni li xorta baqgħu jiġu magħrufa bħala l-eremiti ta' San Calogero. Fis-sena 1757 kellhom Direttur tagħhom lis-Saċerdoti Dun Pietru Mifsud. Fis-sagristija għad hemm kwadru kbir ta' San Calogero.

Fit-23 ta' Mejju 1764, kien kuntratt, fejn il-prepostu ta' Birkirkara ta' f'idejn il-Patrijiet Minuri Osservanti l-eremitaġġ ta' Sta. Venera iżda dawn ma riedux joqgħodu għall-kundizzjonijiet imniżżlin fil-kuntratt u għalhekk il-Kuntratt ma seħħx u l-eremitaġġ ta' Sta. Venera baqa' tal-Kolleġjata ta' Birkirkara. Fis-seklu XIX il-Kunvent u l-Knisja kienu f'idejn il-Patrijiet Giżwiti iżda dawn ma tantx damu fl-istess Kunvent u mill-ġdid reġa waqa' f'idejn il-Kolleġjata ta' Birkirkara. Fis-sena1901 l-Isqof Mons. Pietru Pace innomina lil Dun Xand Cortis bħala rettur ta' l-istess knisja, bil-kunsens tal-prepostu ta' Birkirkara. Fl-1906 waslu fil-Kunvent l-Agostinjani. Kulħadd feraħ bil-wasla iżda dawn ukoll ma tantx damu għax fit-30 ta' Lulju 1912 il-Knisja bil-Kunvent ingħatat f'idejn il-Karmelitani. Tmien xhur wara, bl-isforzi kbar ta' l-istess Dun Xand, l-Isqof il-Mons. Pietru Pace nhar il-11 ta' Marzu 1913 qata' mill-arċimatriċi ta' Santa Liena u iddikjara Viċi-Parroċċa lil Sta. Venera. Il-Karmelitani baqgħu jaħdmu ma' Dun Xand Cortis u fl-4 ta' Settembru ta' l-1918 il-Mons. Mauro Caruana iddikjara Parroċċa lil Santa Venera b'digriet li kien iffirmat mill-istess Isqof Mons. Mauro Caruana u mill-Kanċillier P. Vella Mangion.

Il-Festa ta' Santa Venera V.M. issir dejjem Ħadd fuq is-26 ta' Lulju w issir b'solennita kbira u dak in-nhar tal-Festa sa mill-eqdem żminijiet fil-Misraħ u t-Triq li tagħti għall-Knisja kien ikun hemm il-fieri. Illum iż-żmien inbidel u minflok il-fieri qed ikun hemm kjoskijiet ibiegħu l-ikel, xorb u dak kollu li ssib fi kwalunkwe Festa ta' l-irħula Maltin. Illum il-parroċċa tagħmel mal-għaxar t'elef ruħ.



*Dan ir-ritratt juri s-Sepulkru li kien jintrama nhar Ħamis ix-Xirka. Ħajr Michael Zerafa.*